## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 405/2016

**Il-Pulizija**

**Spettur Nicholas Vella**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

Illum 29 ta' Marzu, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Emanuel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 44382M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) F'dawn il-Ġzejjer u cioe' fi Triq Kurat Chetcuti, Mġarr, Malta, nhar it-12 ta' Lulju, 2015, għall-ħabta tal-10:15hrs inġurja u/jew hedded lil Amante Caruana, Gwardjan Lokali bin-numru G-092, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz

pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz; u

2) Fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-Gwardjan lokali bin-numru G-092, Amante Caruana, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jaġixxi għall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita' kompetenti.

Il-Qorti kienet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta ta' Amante Caruana – Warden G-092 jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-26 ta' Lulju, 2016 li biha lliberat lill-imputat mill-**ewwel** imputazzjoni izda sabitu ħati tat-**tieni** imputazzjoni u kkundannatu għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija sospizi ghall-tmintax-il xahar b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għall-multa ta' erbat elef u ħames mitt Ewro li għandha titħallas fi żmien tlett snin b'rati mensili li jibdew jiddekorru minn Awwissu, 2016. F'każ ta' nuqqas ta' ħlas dan l-ammont ikun konvertibbli fi priġunerija.

L-ewwel Qorti, inoltre u fit-termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lil imputat iħallas is-somma ta' ħamsa u ħamsin Euro lil Gwardjan Amante Caruana rappreżentanti spejjeż tal-ħsara kkawżata minnu;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Awwissu, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermha** in kwantu l-imputat kien liberat mill-ewwel imputazzjoni u **tirrevokaha** in kwantu sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatu għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija sospiżi għal tmintax–il xahar, kif ukoll għal multa ta' erbat elef u ħames mitt ewro, kif ukoll li jħallas is-somma ta' ħamsa u ħamsin ewro lil Gwardjan Amante Caruana u tilliberaħ minn kull piena u ħtija, **alternattivament** tinfliġġi piena aktar in linea mal-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar allegata aggressjoni fuq gwardjan lokali mill-imputat appellant wara li dan

twaqqaf waqt li qed isuq il-vettura tieghu minghajr ma kien qed juza *seat belt.* Il-gwardjan lokali jallega illi appena talab il-licenzja tas-sewqan lill-appellant, dan hareg mill-vettura tieghu, hatfu minn ghonqu, ghawwiglu n-nuccali u saq 'l hinn minghajr ma ta d-dettalji tieghu kif mitlub. L-imputat jallega illi meta twaqqaf, il-gwardjan talbu jikteb id-dettalji tieghu fuq karta li provdielu hu stess izda din waqghet fit-triq u l-gwardjan heddu b'tahrika dwar li kien qed ihammeg it-triq u ghalhekk hareg biex jigborha izda din taret bir-rih u ghalhekk rega dahal fil-vettura u saq;

2. L-ewwel Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, dik tal-ingurja jew theddid, ossia ta' oltragg, kontra ufficcjal pubbliku, izda sabitu hati tat-tieni wahda, dik ravvizata fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali dwar attakk jew resistenza bi vjolenza kontra persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Dwar dan ressaq is-segwenti lanjanzi;

3. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant iressaq l-argument, jekk il-Qorti qed tifhem sew, illi l-gwardjan lokali ma kienx qed jagixxi b'mod ufficcjali wara li waqqfu u li ghalhekk ma jirrizultax wiehed mill-elementi rikjest fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. L-appellant donnu qed jghid illi l-gwardjan lokali kien qed jagixxi *ultra vires* r-responsabilitajiet tieghu meta staqsa lill-imputat min kienu in-nies li dak il-hin kienu fil-vettura mieghu, minn fejn hu u fejn kien sejjer. Sabiex isahhah l-argument tieghu, l-appellant itenni illi r-raguni legali ghaliex il-gwardjan waqqaf lill-imputat kienet li ma kienx liebes is-*seat belt* u li dan il-fatt ma

huwiex inkorporat fl-imputazzjoni odjerna: "*akkuza li f'dawn il-proceduri ma sabitx postha ghal xi nuqqas mhux mgharuf tal-prosekuzzjoni*";

4. Oltre, dan, meta l-gwardjan staqsa dawk id-domandi, huwa "*svesta ruhu mill-ufficjozita' tieghu*" u li d-deposizzjoni tieghu hija wahda inaffidabbli ghaliex fir-rapport originali maghmul lill-Pulizija ma jsemmi xejn dwar l-allegata hsara fin-nuccali. Dwar jekk bl-allegati domandi l-gwardjan kienx qed jaqdi dmiru bhala ufficcjal pubbliku, fl-ewwel lok u qabel ma l-Qorti tistharreg dan mill-ottika legali, irid jirrizulta li verament il-gwardjan kien ippoza dawn id-domandi, li dawn kienu estranei u rrilevanti ghall-dak l-akkadut u li dawn saru bi hsieb li jivvessa jew kif jghid l-appellant biex isir "*intralc tal-liberta' ta' haddiehor*";

5. Il-verzjoni ta' dawn id-domandi temergi minn allegazzjoni tal-imputat u tal-passiggier li hija martu. L-ewwel Qorti ma emmnitx din l-allegazzjoni u tenniet li anke li verament saret id-domanda dwar min kienet il-passiggier ma hemm xejn irregolari li l-gwardjan jistaqsi ghad-dettalji ta' dawk prezenti ghal fini ta' xhieda fi proceduri quddiem tribunal. Din il-Qorti zzid tosserva illi l-imputat kellu kull opportunita' li jaghmel domandi in rigward waqt il-kontro-ezami tal-gwadjan lokali u minn dan ma sar xejn. Fatt dan li jassoda n-nuqqas ta' kredibilita' tal-imputat li wassal lill-ewwel Qorti biex tghazel il-verzjoni tal-gwardjan bhala l-aktar kredibbli;

6. Dwar dan ssir referenza ghall-dak li jipprovdi is-subartikolu (2) tal-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali li jhalli f'idejn il-gudikant id-diskrezzjoni li temmen xhud minn iehor u li l-kredenza ta' xhud tiswa' daqs li kieku l-fatt kien pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Issa, il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju ta' revizzjoni mhux li tara kif kienet tiddeciedi l-kaz hi kieku kienet minflok l-ewwel Qorti, izda li tara jekk bil-fatti akkwiziti l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Ezaminata bir-reqqa s-sentenza appellata, huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi tajba tal-provi u l-kredenza taghha fil-verzjoni tal-gwardjan lokali kienet rizultat ta' analizi korretta mghejjuna bil-fatt illi kellha l-beneficcju tisma' u tara hi stess lix-xhieda jiddeponu *viva voce*;

7. L-appellant m'ghandux ragun meta jghid li l-gwardan ma kienx kredibbli tant li l-verzjoni dwar in-nuccali tieghu semmiha l-ewwel darba fil-Qorti meta ddepona. Dan ghaliex fl-okkorrenza tal-Ufficcjal tal-Pulizija esebita in atti hemm rendikont ta' dan ir-rapport li jinkorpora l-fatt dwar in-nuccali u ghalhekk kull konsiderazzjoni ohra tkun inutili;

8. Fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-abbli difensur tal-appellant allega li l-ewwel Qorti ma haditx kont ta' dak li qalu z-zewg xhieda okulari. Anke hawn l-appellant ma huwiex korrett ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dawn iz-zewg xhieda u wasslet ghall-konkluzzjoni li ma kienu ta' ebda ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-kaz;

9. L-aggravju li l-gwardjan ma kienx qed jagixxi fil-vesti ufficcjali tieghu meta "oltrapassa d-doveri tieghu" ghalhekk ma tirrizultax u konsegwentement din il-Qorti mhix ser tistharreg jekk tali eventwalita' tekwiparax ghan-nuqqas ta' wiehed mill-elementi tar-reat ravvizat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Dan l-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

10. It-tieni gravam huwa wiehed ta' natura legali fejn l-appellant jallega illi l-artikolu 96 tal-Kap 9, dak li dwaru instab hati ma huwiex aplikabbli ghaliex il-fatti allegati jipotizzaw ir-reat ravvizat fl-artikolu 14 tal-Kap 389. Konsegwenza ta' dan, l-appellant jiprospetta n-nullita' stante sejbien ta' htija taht ligi li mhix applikabbli. Jibda biex jinghad illi jidher li l-appellant ried jirreferi ghall-artikolu 19 u mhux l-artikolu 14 tal-Kap 389. Minn qari tal-atti processwali u tas-sentenza appellata ma jidhirx li dan l-argument kien tressaq ghal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti tant illi l-aggravju ma jindirizzax xi allegata interpretazzjoni hazina tal-ligi mill-ewwel Qorti. Issa, il-Kapitolu 389 intitolat Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita' fl-artikolu 19 (1) tieghu jipprovdi ghall-protezzjoni tal-Ufficcjali fil-Komunita' bis-segwenti artikolu li huwa simili ghall-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali:

> **19. (1) Ebda persuna ma ghandha b'xi mod tattakka jew tirrezisti bi vjolenza xi ufficjal tal-komunita' waqt il-qadi ta' dmirijietu taht dan l-Att.**

**(2) Bla hsara ghal xi piena oghla li tista' tehel taht xi ligi ohra kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun hatja ta' reat u tehel meta tinsab hatja prigunerija ghal zmien ta' minn xahar sa sitt xhur.**

**Izda ma tigi moghtija ebda piena ghall-fatt biss tal-attakk jew tar-rezistenza kontra xi persuna li, ghalkemm tkun ittantat li tibda tagixxi jew fil-fatt tkun bdiet tagixxi, mal-ewwel twissija tal-persuna li ghaliha tkun habtet jew irrezistiet, ma tibqax tissokta fl-esekuzzjoni tad-delitt.**

11. Is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu huwa car u ma jehtieg ebda interpretazzjoni. Bis-sahha ta' dan l-artikolu l-imputat kien ugwalment passibbli ghal-proceduri bi ksur tal-artikolu 19 tal-Kap 389 kif ukoll tal-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 19 ma jeskludix proceduri kriminali ghall-ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9. L-ewwel Qorti korrettament ikkonkludiet illi Gwardjan lokali huwa 'uffiċjal pubbliku' skond id-definizzjoni moghtija fl-artikolu 92 tal-Kap 9;

12. Inoltre, l-ewwel Qorti analizzat l-elementi li jaghmlu mill-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9 b'referenza ghall-ġurisprudenza in rigward meta ccitat s-sentenzi 'Il-Pulizija v Renald Briffa' tas-27 ta' Frar 2013 moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati u Il-Pulizija v Joseph Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 u ma tara ebda raguni ghaliex ma taqbilx mal-operat tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta' nullita' ghaliex l-artikolu 19 tal-Kap 389 ma jeskludix proceduri li jistghu jemanu minn xi disposizzjoni jew disposizzjonijiet ta' ligi ohra. Konsegwentement, dan l-aggravju qed ikun michud;

13. Fit-tielet aggravju tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi hemm differenza fil-piena erogabbli skond il-Kap 389 u l-artikolu 96 tal-Kap 9. Il-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tat-tieni aggravju huma ugwalment applikabbli ghal dan l-aggravju u ghalhekk l-appellant m' ghandux ragun. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

14. Ir-raba' gravam jitratta dwar il-piena erogata u deskritta mill-appellant bhala wahda eccessiva. Dwar dan jinghad illi l-artikolu 96 tal-Kap 9 jipprovdi illi:

***'(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn, u għal multa ta' mhux anqas minn erbat elef euro u mhux iżjed minn għaxart elef Euro.'***

L-ewwel Qorti ddispensat mill-kawza billi kkominat piena ta' għaxar xhur priġunerija sospiżi għal tmintax-il xahar kif ukoll multa ta' erbat elef u ħames mitt Ewro. Issa, minn ezami tal-atti processwali ma jidhirx illi kienet esebita fedina penali tal-imputat u ghalkemm din il-Qorti taqbel illi cirkostanzi ta' ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 huma ta' natura serja ghaliex imorru kontra dik il-protezzjoni misthoqqa lil forzi li huma nkarigati biz-zamma tal-ordni pubbliku u jisthoqq li jkunu disposti b'certa rigorozita', izda fil-kominazzjoni tal-piena hemm diversi fatturi li jehtieg li jkunu esplorati sabiex jirrenja dak il-bilanc bejn is-sigurta' tas-socjeta' u r-riforma tal-imputat bil-

ghan li jerga jintegra ruhu fl-istess socjeta'. Kien ghalhekk wisq importanti li tkun esebita u konsiderata l-fedina penali tal-imputat qabel ma' l-ewwel Qorti erogat il-piena;

15. Ezaminata llum il-fedina penali tal-imputat, jirrizulta illi fis-27 ta' Novembru, 2014 kien misjub hati ta' infrazzjoni tal-Att dwar il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII tal-1998) Konsiderat it-trapass ta' zmien minn dakinhar u n-natura tar-reat kommess lura fl-2014 din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm dik il-proporzjonalita' mixtieqa fil-piena erogata u hemm lok ta' temperament. Konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghal-liberazzjoni tal-appellant mit-tieni imputazzjoni izda tilqa' t-talba tieghu ghat-tibdil fil-piena billi thassarha f'dik il-parti li fiha kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' ghaxar xhur sospizi ghall-tmintax-il xahar u ghall-multa ta' erbat elef u hames mitt euro u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma jiddekorrux hlief jekk l-appellant jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tmintax-il xahar mil-lum kif ukoll ghal-hlas ta' multa ta' erbat elef Ewro, u tikkonfermaha fil-kumplament inkluz l-obbligu ta' rizarciment.

16. Il-multa tista' titħallas fi żmien tliet snin b'rati mensili ugwali li jibdew jiddekorru mill-ewwel ta' Frar u jibqghu dovuti fl-ewwel ta' kull xahar b'dan illi f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' rata wahda, il-bilanċ ikun konvertibbli fi prigunerija;

Il-Qorti fissret lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.